MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 13**

**It-Tnejn, 17 ta' Marzu 2025**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn, 17 ta' Marzu 2024 fil-4:30 ta wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca - Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**13.1 Talba;**

13.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-04:30 ta wara nofsinhar peress li l-laqgħa tal-Komunita' ħadet anqas ħin milli kien previst.

**13.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

13.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**13.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

13.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 11 u 12 ma laħqux ġew imresqa u għal dan talbet apoloġija is-Segretarju Eżekuttiv.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1310, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**13.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

13.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 10/20025 għall-perjodi bejn is-19 ta' Frar 2025 u s-17 ta' Marzu 2025 li tammonta għal €15,142.09 ġiet approvata u iffirmata. Wara li ġew iffirmati is-Segretarju għamlet referenza għal dak li kienet qalet fil-laqgħa numru 11 dwar tibdil fil-prezentazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti. Hi ikkonfermat u għamlet referenza għal-korrispondenza li ntbgħatet lil membri tal-kunsill fejn huma ġew mitluba jagħtu opinjoni tagħhom fuq l-prezentazzjoni tal-iskeda. Hi spjegat ukoll li minn korrispondenza li ntbgħatet lilha ġiet mogħotija instruzjonijiet biex tibqa tippreżenta l-iskeda bil-format li kien qed tkun preżentat f'din il-laqgħa sakemm ma jkunx hemm instruzzjonijiet oħra mid-departiment u dan ifisser li l-instruzzjonijiet li kienet irċeviet qabel ġew irtirati.

**13.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

13.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, xtaq jinforma lill membri li l-porċess tal-vakanza ta *Administration Officer* kien hemm applikazzjoni waħda u li skond gwida mid-dipartiment avolja din il-persuna ser tkun qed tagħmel *transfer* minn kunsill ieħor xorta hu meħtieġ li ssir *interview.* Għal dan il-għan hu meħtieġ li jinħatar *board.* Is-Sindku talab biex jara jekk hemmx xi membri mill-kunsill interessati li jiffurmaw dan il-board. Il-kunsilliera Joseph Mercieca u Carmelo Micallef aċċettaw li sservu fuq il-board u flimkien mas-Sindku u s-Segretarju se jkunu qed jiddeċiedu d-data u l-ħin biex issir l-*inteview.*

13.5.2 Is-Sindku għamel referenza għal punt li kien semma fil-laqgħat ta qabel dwar id- *Day Center* u li konna ser nagħmlu kuntatt mal-Ministeru tal-Anzjanita Attiva jew tas-saħħa u naraw jistawx jipprovdu xi kelliema li jistaw jagħtu xi informazzjoni utli u addatata lill-anzjani. Hu semma il-fatt li jixtieq iżżid ukoll proposta biex il-Kunsill jofri ukoll xi tip ta *Keep Fit Session, Yoga, Pilates, etc* li jkunu miftuħa għal kullħadd. Hu semma kif meta dawn it-tip ta *classes* kien issiru kien ikun hemm attendenza tajba. Hu għalhekk ippropona li naraw insibux xi kollaborazzjoni ma xi Ministeri tas-saħħa. Jekk dan ma jkunx possibbli hu ppropona li nagħmlu kuntatt ma xi *Personal Trainers, Zumba fitness instructors, etc* naraw kemm jiswa kull kors u noħorġu programm u naraw x konkorrenza jkun hemm. Ġew imsemmija xi *instructors* li huma mir-raħal u l-membri qablu li naraw jekk humiex interessati li imexxu dawn is-*sessions.* Ġie deċiż li jsir programm fejn ikunu ofruti *sessions* differenti. L-aktar importanti hu li min jagħmel dawn il-*classes* ikun ikkwalifikat.

13.5.3 Is-Sindku semma l-iskema li hemm fil-prezent dwar is- *Solar Panels u l-battery.* Hu semma li meta ġibna 3 kumpaniji biex jaraw xi spejjez hemm involuti biex jiġu imqabda u imsewwija il-panelli li hemm fil-prezent ħadd minnhom ma kien tal-parir li nzommu jew nirranġaw il-panelli li għandna peress li l-spiza mhux se tiġi rkuprata peress li l-*output* tal-panelli naqas sostanzjalment. Is-Sindku issuġġerixxa biex naraw il-Kunsill jistax jibenifika minn skema li ġiet imħabbra riċentement u li fuqha hemm rimbors sostanzjali. Il-Kunsill qabel li naraw jekk aħniex intitolati għal rimbors u jekk ikunu nerġaw niddiskutu fejn u kif nipproċedu. Il-kunsillier Joseph Mercieca irrimarka li jekk inkunu se nagħmlu xi ħaġa f'dan ir-rigward tajjeb li naħsbu biex l-istruttura tal-panneli stess tkun ikkolaborata fid-disinn tal-playingfield u li forsi ukoll b'mod innovattiva noħolqu ftit dell bihom stess.

13.5.4 Is-Sindku xtaq jagħti aġġornamet ta dak li ġie diskuss fil-laqgħa li kellu flimkien ma xi membri mill-kunsilli u l-għaqdiet tar-raħħal fejn ġiet diskussa *Festa Tfal.* Hu ikkonferma li x-xewqa tal-għaqdiet hi l-Festa issir nhar it-Tnejn jew it-Tlieta tal-ġimgħa tal-festa. Is-Sindku ikkonferma li hu tkellem mal-kappillan dwar dan u qed jistenna risposta mingħandu wara li ssir il-laqgħa mal-kunsill parrokkjali. Is-Sindku iżda xtaq jara jekk il membri kollha tal-kunsill jaqblux qabel ma jipproċedi. Il-membri qablu. Ġie deċiż li nistiednu l-banda "Allegro Clefs" u b'kollox nipruvaw iżommu mal-*budget* ta €2,000.00.

## 13.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;

13.6.1 Il-Viċi Sindku Ivana Mizzi semmiet li kellha talba biex issir bozza fil-bidu ta Wied Siekel. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju ikonfermaw li din is-sitwazzjoni diġà ġiet diskussa f'laqgħat preċedenti. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż li nkellmu *Engineer* biex jara jistax issir bozza u imexxi l-proċess neċessarju filwaqt li nara xi spejjez hemm biex dan issir. Dan jerġa jiġi diskuss wara li niksbu l-informazzjoni neċessarja. Waqt li kienet qed tiġi diskussa din it-tema issemma ukoll arblu tal-injam li hemm fl-inħawi imsemmija u ġie deċiż li waqt li l-*Engineer* ikun fuq il-post jiġi mistoqsi jiskopri l-għan ta dan l-arblu.

13.6.1.2 Il-Viċi Sindku xtaqet kjarifika fuq l-email li ġiet mibgħuta lil membri kollha mingħand is-sinjura Josianne Cassar dwar il-*Performance Appraisal.* Is-Segretarju tat summarju tas-sitwazzjoni kompluta flimkien mal-gwida li rċevit mid-direttur, issemma ukoll l-punt li l-korrispondenza li qed tagħmel referenza għalija il-Viċi Sindku, kienet inkluża mal-

korrispondenza li kienet se titressaq aktar il-quddiem f'din il-laqgħa. Waqt id-diskussjoni, is-Segretarju reġat għamlet ukoll riferenza għal korrispondenza li ġiet imresqa fil-laqgħat preċedenti . Ġie diskuss ukoll il-punt li fuqu hi marbuta l-korrispondenza li għalija qed tirreferi is-sinjura Mizzi, li l-imsemija *Peforamance Appraisal* ma ġietx diskussa mas-sinjura Cassar qabel ma ġiet imresqa għal-laqgħa tal-kunsill. Dan diġà kien ġie diskuss fil-laqgħa numru 11 u kif hu imsemmi f'punt 11.7.6, dakinhar ukoll reġa ġie ikkonfermat il-persentaġġ li kien mogħti inizjalement. Qabel ma tkompliet il-laqgħa is-Segretarju staqsiet lil membri jekk hemmx aktar mistoqsijiet fuq dan il-punt, wara li aċċertat ruħha li ma kienx hemm, tkomplit il-laqgħa.

13.6.2 Il-Kunsillier Joseph Mercieca semma ilemt li rċieva dwar blokok tal-*concrete* li tpoġġew fil-bidu ta Wied Siekel u li bihom ingħalaq passaġġ. Il-kunsill qabel li nkellmu lil persuna li poġġiet dawn il-blokok biex jiġu imresqa ħalli ma jkunux ta ostaklu.

13.6.2.1 Il-kunsillier Joseph Mercieca xtaq isemmi li attenda għal-laqgħa dwar il-proġetti tal- *Erasmus*. Hu ta ftit informazzjoni u semma li jkun tajjeb jekk noħorġu sejħa biex naraw hemmx xi zgħazagħ interessati ħalli naraw biex flimkien naħdmu pjan. Ġie deċiż li s-Sindku, s-Segretarju flimkien mal-kunsillier Joseph Mercieca ifaslu pjan u jiġi diskuss fil-laqgħat li ġejjin.

13.6.3. Il-kunsillier Carmelo Micallef xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-kunsill dwar l-bozoz mitfija ma l-Għajn ta Bendu u dik li hemm mal-Fontana Cottage. Is-Sindku rrimarka li hu fil-pjan tiegħu li fil ġimgħat li ġejjin niltaqaw ma persuna li tista tofri sapport ta twissija tal-bozoz.

**13.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;**

13.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv xtaqet tiġbed l-attenzjoni għal-korrispondenza li kienet bgħatet lil membri dwar l-aplikazzjoni (waħda mit-tnejn) li konna infurmati li saru għal-*Disabled Parking Bay* u li din ġiet irrifjutata minn TM peress li l-persuna li għamlet t-talba għandha garaxx.

13.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għal korrispondenza oħra ta TM li ġiet iċirkulata lil membri. Din tirreferi għal-aplikazzjoni ġdida ta *Disabled Parking Bay* li teħtieġ risposta mill-Kunsill. Il-kunsill ma sab l'ebda oġġezjoni.

13.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għal korrispondenza min l-*Electoral Office* dwar l-ezercizju li ser issir fil-Fontana fis-27 ta' Marzu fejn ser ikun hemm karozza elektrika b' *cameras* imwaħla li ser ikunu qed jieħdu ritrati ta bini għal-uzu ta *data collection.*

13.7.4 Is-Segretarju għamlet referenza għall-ilment li rċevit mingħamd residenta fi Triq tal-Għajn dwar iz-zrar u l periklu li qed jikkawża. Is-Segretaju infurmat lil membri li din il-korrispondenza ġiet mibgħuta lid-Direttur tat-Tindif u l-Indafa pubblika. Dan irrisponda u ħa azzjoni iżda wara għamlet ix-xita u reġa hemm iz-zrar fi Triq tal-Għajn.

13.7.5 Is-Segretarju għamlet referenza għall-korrispondenza ta *Ebike Malta.* Wara diskussjoni min dawk preżenti ġie deċiż li nagħmlu kuntatt magħhom u naraw l-post li huma jissuġġerixxu u wara l-proposta tagħhom tiġi diskussa fil-laqgħa.

13.7.6 Is-Segretarju infurmat lil membri li b'riżultat tal-*Collective Agreement* il-ġdid tal-Ħaddiema Klerikali tal-Kunsilli, irrid jiġi maħduma l-arretrati lura mill-1 ta' Jannar 2024 u li l-ħaddiem kollha li kienu jaħdmu mall-kunsill fit-2024 hu dovuti l-arretrati li jirriflettu l-grad li suppost jinsabu fih. Il-grad u n-*notches* ġew mibdula u għalhekk irrid jitranġaw biex jirriflettu l-grad u n-*notch* li fih l-ħaddiem suppost qiegħed. F'dan l-*Agreement* inbidel ukoll l-massimu tal-*Performance Bonus* li issa l-massimu hu 10% mhux 6% kif kien qabel. Dan il-proċess irrid jinħadem u isiru l-arranġamenti neċessarji.

13.7.7 Is-Segretarju għamlet referenza għall-korrispondenza "*Revised Policy for Blue Badge Holders*" li ntbgħatet lill membri.

13.7.8 Is-Segretarju fakret lil membri dwar il-kwestjonarju dwar l-Iskeda tal-pagamenti.

13.7.9 Is-Segretarju infurmat lil membri li ġie approvat l-ammont ta €5,000 għas- *Sensory Day Event.*

13.7.10 Is-Segretarju semmiet korrispondenza Cir AKL 2025/023_ Kollaborazzjoni għat-tifi tad-dwal waqt l-attività tal-'Earth Hour 2025' ġie deċiż li se nitfu l-kunsill matul is-siegħa stabilita.

13.7.11 Ġiet imresqa korrispondenza mill-Kummissjoni Zgħazagħ Fontana għal attività *Drive Through tal-*Għid, fejn dawn talbu lil kunsill jipprovdi il-permess tal-attivita u parkeġġ. Il-kunsill approva din ir-rikjesta.

13.7.12 Korrispondenza oħra ġiet mingħand l-Għaqda Armar Fontana li talbu l-permess biex ikunu jistaw jarmaw Triq Kappillan Hili. Din ġie approvat.

13.7.13 Ġiet imresqa proposta biex jaraw liema kunsilli lest jofru li l-*ID cards* jiġu miġbura mill-uffiċju u iċ- Ċir AKL 2025/025_Sistema tal-Ħlasijiet tal-Kontijiet tad-dawl u l-ilma. Ġie deċiż li għalissa nuru interess għal aktar informazzjoni u li l-kunsill jista jagħżel li jofri servizz li nwaslu lir-residenti fl-uffiċj tal-ID cards. Meta tinkiseb aktar informazzjoni jerġaw jiġu diskussi dawn il-punti fil-laqgħa qabel ma ssir deċiżjoni.

13.7.14 Is-Segretarju ressaq quddiem il-membri zewġ talbiet għall- double yellow line ma-garaxx. Resident fi Triq Mons F. Buttiġieġ u ieħor fi Triq il-Qalb ta' Ġesu'. Il-membri ġew murija ritratt tal-faċċati tad-dar, u approvaw li jsiru.

13.7.15 Is-Segretarju infurmat lill membri li kif kienet qed tagħlaq is-sena ġiet infurmata li l-Kunsill kien għad baqalu jiġbru xi flus ta kontijiet pendenti li jmorru lura sa 2016. Hi bdiet tinvestiga dwar dawn il-kontijiet u sa issa ġabret lura €1,064 mingħand il-LESA, filwaqt li qed tkompli tinvestiga dwar l-kontijiet l-oħrajn ta kumpaniji oħra. Dawn il-flus kien se jintilfu iżda qabel ma jitneħħew mill-kontijiet tal-kunsill hi ddeċidiet li tiprova tara x'tista tiġbor lura minnhom.

13.7.16 Is-Segretarju infurmat lil membri li l-*printer* tal-uffiċju għamlet il-ħsara u li din tirrikjedi li tinbidel għaliex wara li ġiet mibdula l-*maintenance box* dehret problema oħra. B'effet immedjat peress li fl-uffiċju ma nistawx nkunu bla *printer* is-Segretarju ġiebet waħda mid-dar, iżda din irriżultat li qed teħli ħafna inka peress li hi *printer* addatata għad-dar u mhux għal uffiċju. Is-Segretarju għalhekk ippreżentat tlett stimi għal-*printer/scanner/photocopy machine.* Il-kunsill iddiskuta l-stimi ppreżentati u għażel li jipproċedi mal-kumpanija li tofri assistenza Għawdex.

13.7.17 Is-Segretarju xtaqet li jiġu ikkonfermati l-aħħar dettalji dwar il- *First Aid Course* dan se issir f'erba' sessjonijiet ta tlett sigħat u nofs. Il-kunsill qabel u għalhekk ser nipreparaw poster għar-reklamar.

**13.8 Karnival 2026;**

13.8.1 Is-Sindku ippropona li naplikaw għal-skema: SPI/SCI/05/2025 - Finanzjament Karnival 2026 u norganizzaw kompetizzjoni tal-kostum

għat-tfal b'festin bis-sehem tal-banda u xi maskri grotteski. Il-kunsill qabel unanimament.

**13.9 Sitwazzjoni ta' Triq tal-Għajn;**

13.9.1 Is-Sindku reġa irrimarka l-ammont ta zrar li hemm fit-triq u li dan qed iwassal għal ħafna inkonvenjent lir-residenti speċjalment lil dawk anzjani. Hu semma ukoll li l-Kunsill qiegħed konstantament jibgħat *emails* lid-Diretturi u Dipartimenti ikonċernati biex jittieħdu azzjonijiet neċessarji. Hu semma ukoll li anke kien hemm xi aċċident u fid-dawl ta dan kollhu hu talab l-aprovazzjoni tal-membri biex tintbgħat ittra uffiċjali lil-Ministru ta' Għawdex biex issir pressjoni ħalli l-proċess tax-xogħolijiet fi Triq tal-Għajn jibdew mill aktar fis. Il-Kunsill qabel.

**13.10 Attivita tal-Festa 2025;**

13.10.1 Ġiet diskuss aktar kmieni fil-laqgħa ara punt 13.5.4.

**13.11 Attivita tat-Tfal – Mejju 2025;**

13.11.1 Ġiet diskussa aktar kmieni fil-laqgħa ara punt 13.7.9.

**13.12 Ħarġa Anzjani April 2025';**

13.12.1 Is-Sindku ippropona Ħarġa Kulturali għar-Redentur tal-Isla fil bidu tal-ġimgħa Mqaddsa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**13.13 Tmiem il-laqgħa;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-6:15 ta' filgħaxija.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Konfermati, llum, l-Erbgħa 09 ta' April 2025.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv